MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 142/2008

Kawza fil-lista: 26

**I B**
**vs**
**Q B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Mejju 1993, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel Y fis-27 ta' Settembru 1996; li l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt[1] ippubblikat minn Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba fil-15 ta' Frar 2005; li, filwaqt li l-konvenuta ghandha l-kura u kustodja tat-tifel minuri, decizjonijiet maggjuri rigwardanti s-sahha, l-edukazzjoni u s-safar tal-

[1] Fol.5

minuri ghandhom jittiehdu konguntivament miz-zewg partijiet, jew bl-intervent tal-qorti kompetenti; li l-attur ghandu access ghat-tifel skont il-modalita' pattwita fil-kuntratt; li skont il-klawsola numru 3 [x] ta' l-istess kuntratt "The parties undertake not to expose the minor child to any behaviour which may be detrimental to his upbringing, or which is not in his best interests. Moreover, it is hereby being specifically stated that neither party shall take the minor child in the presence of any person with whom he or she may have a relationship."[2]; li l-attur ilu f'relazzjoni stabbli ma' mara ohra ghal certu zmien, u llum huwa "fforma nukleju gdid ta' familja di fatto; il-konsegwenza ta' dan huwa li anke fl-ahjar interess tal-minuri" huwa jkun jista' jiltaqa' ma' ibnu fil-prezenza ta' din il-persuna li maghha ghandu "relazzjoni stabbli u permanenti"; li ghalhekk jixtieq li l-imsemmija projibizzjoni kontenuta fil-klawsola fuq citata, tigi mnehhija; li l-manteniment dovut minnu kif stipulat fil-kuntratt huwa oneruz ghalih, u jghid li hu jinsab "sovrakarigat b'mod sproporzjonat u rragjonevoli mill-ispejjez imposti fil-kuntratt tas-separazzjoni, tenut kont li l-konvenuta aktarx taqla' aktar minnu; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi ghall-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li:

1. Tordna ir-revoka, l-abrogazzjoni u/jew l-emenda tal-artiklu 3(x) tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi bejn il-partijiet billi tipprovdi u tirregola bejn il-partijiet u tordna u tippermetti illi l-esponent missier Y B ikun jista' jhalli li t-tifel jiltaqa' u jkun prezenti mal-persuna li attwalment ghandu relazzjoni maghha, u waqt li jipprattika l-access u taht dawk il-kondizzjonijiet provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

2. Fid-dawl tas-suespost il-qorti hi wkoll mitluba tipparifika b' mod aktar ekwitattiv u ragjonevoli il-kontribuzzjonijiet relattivi li jaghmlu iz-zewg partijiet ghall-minorenni Y B; u tordna u tikkoregi l-emendi relattivi konsegwenti fil-kuntratt ta' separazzjoni de quo.

Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi.

---

[2] Fol.8

Rat ir-risposta guramentata[3] li biha l-konvenuta eccepiet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghas-segwenti ragunijiet: "li ma tezisti ebda gustifikazzjoni sabiex il-kuntratt bejn il-partijiet jigi varjat kif qed jintalab, u lanqas hemm mqar xi tibdil fic-cirkostanzi jew xi ragunijiet supervenjenti"; li l-principju *pacta sunt servanda* ghandu jigi rispettat u ghalhekk kull klawsola fil-kuntratt liberament pattwita bejn il-partijiet ghandha tigi rispettata u mhux "jigi mibdul biex semplicement jakkomoda l-bzonnijiet personali tal-partijiet."; li t-talbiet tal-attur "huma karatterizzati biss minn egoizmu sfrenat da parti tieghu, bla ebda konsiderazzjoni ghall-ahjar interess tat-tifel minuri"; li r-relazzjoni extra-matrimonjali tal-attur bdiet qabel iz-zwieg u kienet il-kagun tat-tifrik taz-zwieg; li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li dan jittiehed fil-prezenza tal-habiba li maghha l-attur jikkoabita; li t-tifel ma jridx li l-habiba tal-attur tkun prezenti waqt l-access, peress li "f' ghajnejn it-tifel, kienet proprju din il-persuna li farrket iz-zwieg bejn il-genituri tieghu"; li l-access huwa dritt tat-tifel u obbligu tal-missier; li ghar-rigward tat-talba tal-attur ghall-parifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-minuri, hija l-konvenuta l-aktar li tqatta' hin mal-minuri li jiddependi aktar minnha ghall-affarijiet ta' kuljum, u ghalhekk hija tikkontribwixxi wkoll finanzjarjament ghall-manteniment tat-tifel;

Rat ir-rapport tal-Avukatessa Dottor Tatienne Cassar, Avukat tat-Tfal;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tifel minuri kameralment fl-20 ta' Marzu 2012;

Ikkunsidrat;

[3] Fol.30 *et seq.*

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tvarja l-kuntratt tas-separazzjoni fis-sens li titnehha l-klawsola li permezz taghha l-partijiet huma projbiti milli jesponu lit-tifel minuri ghal terzi persuni li maghhom huma jista' jkollhom relazzjoni; u li l-mantenteniment dovut minnu lill-konvenuta ghat-tifel jigi ridott.

**Kura u Kustodja**

Illi l-attur jghid li hu ghandu relazzjoni stabbli ma' mara li, ghandha tifla, u li maghha fforma nukleju familjari gdid, u jixtieq li t-tifel tal-partijiet jibni relazzjoni ma' din il-mara b' mod li waqt l-access tieghu ma tkunx aktar ipprojibita l-prezenza ta' din il-mara. Huwa jixtieq li, jippartecipa aktar fil-hajja tat-tifel u ma jkunx hemm ghalfejn jiskomoda aktar lill-genituri tieghu, li llum huma anzjani, u li fil-prezent, stante li l-attur jikkoabita mal-habiba tieghu, l-access isir ghandhom. Jghid li hu jixtieq jaghmel mat-tifel dak li missier normali jaghmel m'uliedu, minghajr xkiel, u jixtieq jarah granet shah fil-jiem tal-vaganzi skolastici; izda jakkuza lill-konvenuta li din qed timpedih milli jaghmel dan billi tkompli tinsisti fuq il-projibizzjoni kontrattwali f'dan ir-rigward.

Illi min-naha taghha l-konvenuta tghid li f'ghajnejn it-tifel, din il-mara hija l-kawza tat-tifrik taz-zwieg taghhom, u ghalhekk huwa t-tifel li hu riluttanti li jkollu kuntatt maghha. Tghid li x-xewqat tat-tifel ghandhom jigu rispettati, u hadd m'ghandu jimponi terza persuna fuqhu.

Illi mir-rapport tal-Avukat tat-Tfal[4], li, fiz-zmien li ge redatt, it-tifel kellu 12-il sena, jirrizulta li f'dak iz-zmien id-decizjoni tieghu kienet "li jrid isir habib tas-siehba ta' missieru, imma li jaghzel hu meta jaraha u meta jorqod ghand missieru." Konformament l-Avukat tat-Tfal irrakkomandat li jkun fl-ahjar interess tat-tifel li dan "jithalla fil-liberta' li jaghzel hu meta ghandu jara lis-siehba ta' missieru fil-hin ta' l-access."

[4] Fol.50

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi f'dan ir-rigward jimpera l-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi, u jipprevalu fuq dawk tal-genituri. Inoltre, meta x-xewqat tal-minuri jkunu konsonanti mal-interessi taghhom, dawn jkunu determinanti ghar-rizoluzzjoni tal-kazijiet bhal dawk *in dizamina*.

Illi fil-meritu l-Qorti, wara li tkellmet mat-tifel, li llum ghandu 15-il sena, u ghalhekk ghandu eta' li tippermettilu certu grad ta' maturita' fl-ghazliet tieghu, u hija tal-fehema li ma hemmx iktar lok ghal projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3(x) tal-kuntratt, u ghalhekk din ghandha titnehha. Inoltre hi tal-fehma li huwa fl-interess tal-minuri li l-access favur il-missier jizdied b'mod li jkun kif ser jinghad: kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mit-3:00pm sat-8:00pm; u kull weekend b' mod alternat mill-Gimgha ghas-Sibt, u mis-Sibt sal-Hadd, mis-7:00pm sas-7:00am; izda l-minuri m'ghandux jigi impedut li johrog matul il-*weekend* ma' hbiebu, kemm jekk ikun mal-omm kif ukoll jekk ikun mal-missier.

**Manteniment**
Illi permezz tal-imsemmi kuntratt l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenut bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tat-tifel minuri bazikament is-somma ta' LM85 [illum €198] kull xahar, bl-awment biennali tal-gholi tal-hajja skont l-indici ufficjali tal-gvern, oltre l-ispejjez edukattivi kollha u dawk relatati mal-istess, inkluzi spejjez ta' attivitajiet sportivi extra-kurrikulari. Dan l-obbligu jibqa' jissussisti sakemm it-tifel jsir maggjorenni.

Illi l-attur isostni li hu kien imgieghel jaccetta dawn il-kondizzjonijiet sabiex ma jinqalax aktar inkwiet bejn il-partjiet, u bi sforz sabiex is-separazzjoni ta' bejniethom tkun wahda bonarja. Huwa jilmenta li l-kuntratt huwa "esageratament zbilancjat u ngust favur l-interessi unilaterali tal-omm fis-sens ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji, kustodja u affarijiet ohra."[5] Jghid li bil-manteniment indikat fil-kuntratt hu jhoss li "qed jissussidja l-kapricci" ta' martu,

[5] Fol.41

u li hu johrog hafna spejjez filwaqt li l-konvenuta tohrog anqas minnu;  filwaqt li din aktarx ghandha ntrojtu aktar minnu.

Illi mill-provi u mid-dokumenti esebiti mill-istess attur jirrizulta li dana jahdem bhala fizjoterapista, u ghandu mpieg regolari mal-gvern b' introjtu nett annwali ta' €17,324.4 [2009][6], €1,053.72 [2010][7] mal-Assocjazzjoni Maltija tar-Rugby; u €2,786 [2010][8] bhala self employed mal-Isptar Saint James.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi l-principju regolatur f' dan ir-rigward huwa li pacta sunt servanda, u cioe' dak li ftehmu l-partijiet liberament jikkostitwixxi ligi bejniethom, u ma jistax jigi varjat jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew fil-kaz ta' mpossibilita' reali tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Jinsab assodat fil-gurisprudenza[9] nostrana li fejn sitratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju *pacta sunt servanda*; izda l-Qrati ghalkemm inizjalment kienu addottaw posizzjoni rigida w inflessibbli meta gew rinfaccjati b' talbiet ghal revizjoni ta' retti alimentari mifthema bejn il-kunjugi, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu taht certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh *fl-impossibilita'* li jhallas r-retta almientari -  allura f' kazijiet simili jkun hemm lok ghal varjazzjoni.

Ukoll, "hemm differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti *ope legis* minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess.  Fit-tieni kaz wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn." Wara kollox il-kontenut tal-ftehim kien

---
[6] Fol.113
[7] Fol.127
[8] Fol.128 – sa Novembru 2010
[9] App. Alfred Grech vs Pauline Grech 16.04.2004

jirrifletti l-hsieb u x-xewqa tal-partijiet infushom, u jekk sussegwentement l-attur iddispjacih dwar dak li dahal hu ghalih volontarjament, imputet sibi u m'ghandhux jippretendi li l-Qorti tinjora jew tmur kontra dak mifthiehem.

Illi fil-kaz in dizamina, jirrizulta li l-attur assuma l-obbligu kontrattwali *de quo* volontarjament ghax fehem li ahjar li s-separazzjoni ssir bonarjament milli gudizzjarjament. F' dak iz-zmien huwa ghamel ghazla li hass li kienet tajba, u ghalhekk ma jistax validament issa jippretendi li jmur lura minn dak pattwit minnu peress li skont hu 'ssa qed ihossu "sovrakarigat b' mod sproporzjonat u rragjonevoli" mill-ispejjez assunti minnu.

Illi noltre, il-Qorti thoss li ma jirrizultax li jezistu cirkostanzi tali li jirrendu ghall-attur impossibbli l-esekuzzjoni tal-obbligu assunt minnu; jew oneruza zzejjed, b'mod li tiskatta l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap.16 li jipprovdi ghal kazijiet ta' "Meta min jghati l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu". F'dan il-kaz jirrizulta li l-introjtu mensili u annwali tal-attur jippermettu li jhallas facilment l-manteniment pattwit, *multo magis*, issa li t-tifel ghandu 15-il sena u wasal fl-istadju finali tal-hajja skolastika tieghu.

Ghaldaqstant it-tieni talba tal-attur sabiex din il-Qorti "tipparifika b'mod aktar ekwitattiv u ragjonevoli l-kontribuzzjonijiet relattivi li jaghmlu z-zewg partijiet" ghat-tifel minuri, ma treggix la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba fit-termini taghha; u b'applikazzjoni tal-artiklu 149 tal-Kapitlu 16, tordna li l-access favur il-missier ikun kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

2. Tichad it-tieni talba.

Spejjez tal-ewwel talba jkunu bla taxxa; filwaqt li l-ispejjez ghat-tieni talba, inkluzi dawk tar-registru, jkunu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------